3 ta' April 2018
44/2018

## L-ARĊISQOF SER JORDNA DISA' SAĊERDOTI ĠODDA

Il-Knisja f'Malta tifraħ filwaqt li tirringrazzja lil Alla għall-ordinazzjoni ta' disa' saċerdoti. L-ordinazzjoni presbiterali ta' dawn iż-żgħażagħ – żewġ djakni djoċesani u seba' reliġjużi – ser issir nhar is-Sibt, 7 ta' April 2018, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9:15 a.m. Id-disa' djakni li ser jiġu ordnati saċerdoti mill-Arċisqof Charles J. Scicluna huma:

- Fra Alan Joseph Adami tal-Ordni tal-Predikaturi,
- Fra Jethro Bajada tal-Ordni tal-Aħwa Minuri Kapuċċini,
- Rev. Anton D'Amato mill-Parroċċa ta' Santa Katerina Verġni u Martri, iż-Żurrieq,
- Rev. Bernard Micallef mill-Parroċċa ta' Marija Annunzjata, Ħal Tarxien,
- Rev. Kenneth Micallef, Salesjan ta' Dun Bosco,
- Fra Kurt Mizzi tal-Ordni Karmelitan,
- Fra Elmar Pace tal-Ordni tal-Aħwa Minuri Kapuċċini,
- Rev. Giovann Tabone tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl u
- Rev. Alex Zammit tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Kulħadd huwa mistieden biex jattendi għaċ-ċelebrazzjoni tal-ordinazzjoni presbiterali u biex jitlob għal aktar vokazzjonijiet u għall-qdusija tas-saċerdoti, speċjalment għal dawk li ser jiġu ordnati saċerdoti nhar is-Sibt li ġej.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**